MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2376/2003

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vincent Micallef sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Godwin Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih is-socjeta’ attrici talbet li l-konvenut ihallas Lm376.40c (tlett mija u sitta u sebghin lira Maltin u erbghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f’incident tat-traffiku kif ahjar deskritt fl-istess Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li ddikjara li mhux responsabbli ghall-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Road Accident Report fejn Elena Natalizia Micallef, mart Vincent Micallef, tghid li kienet gejja mid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar u waqt li t-trakk kien ipparkjat, qala’ f’salt u baqa’ diehel gol-bieba u l-arc tal-*mudguard*. Il-konvenut ighid li kien sejjer lejn il-limiti tal-Mosta meta f’salt wiehed Elena Natalizia Micallef qabzitu u qasmet f’salt ghal quddiemu biex titla’ lejn triq ohra b’konsegwenza li baqghet diehla go quddiem tat-trakk tieghu.

Ra s-seduta datata l-11 t’April, 2004 li fiha xehdet Elena Natalizia Micallef fejn tghid li kienet gejja mill-Mosta, daret il-knisja u kienet ser tidhol ghall-Wied ta’ fejn Piscopo Gardens. Dak il-hin ta’ l-incident tghid li kienet ghadha kif qalghet u kienet ghaddejja b’*second gear*. Tghid li kif kienet ghadha wieqfa biex tohrog rat it-trakk tal-konvenut ipparkjat quddiem il-bar u persuni diehlin fit-trakk bl-ikel f’idhom. Tghid ukoll li kienet qed issuq fuq ix-xellug tat-triq u f’daqqa wahda hasset daqqa fuq wara tal-karozza. Tikkonferma li xeghlet l-indicator. Elena Natalizia Micallef tghid li kellha hsara fil-bieba ta’ wara tal-passiggier kif ukoll fuq ir-rota ta’ wara l-istess naha tal-passiggier. Tghid li ma ratx danni fuq it-trakk tal-konvenut u dak il-hin kien gej container min-naha l-ohra u kienu marru xi nies ighidulha biex tressaq il-vettura taghha ghalhekk ma kienx possibbli li jsir skizz. Ma tiftakarx kemm kienet ‘il boghod mill-bankina waqt li kienet qed issuq izda ma taqbilx li kien hemm spazju ta’ karozza bejn il-vettura taghha u l-bankina. Tghid li ma tiftakarx jekk it-trakk gie mcaqlaq wara l-incident. Il-konvenut kellu hsara fir-*right front corner*.

Ra x-xhieda ta’ PS 455 Emanuel Sammut fejn jikkonferma li m’ghamilx skizz minhabba li l-karozzi ma kienux fejn kien hemm l-impatt izda jikkonferma r-rapport kif esebit. Skond l-impressjoni ta’ PS 455 Emanuel Sammut it-tnejn li huma caqilqu l-vetturi minn fejn kienu. Jikkonferma li Nathalie Micallef kienet qalet li kienet gejja min-naha ta’ San Pawl u mhux min-naha tal-Mosta. Fir-Road Accident Report ma kitibx li kienet gejja fuq ix-xellug tat-triq lanqas. Dik id-direzzjoni hija *one way*. Ighid ukoll li l-hsara fit-trakk kienet fir-*right front* u mhux fil-*front* shih.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn ighid li kien gej mid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar, tiela’ lejn il-Mosta u jikkonferma li dejjem baqa’ fit-triq principali. Il-konvenut ighid li kien wahdu u kien qed isuq bil-mod hafna minhabba li kellu x-xoghol fit-trakk u f’ebda hin ma waqaf. Ighid li kien qed isuq fuq is-side tieghu meta giet vettura ohra min-naha tal-lemin tieghu, qasmet minn quddiemu u hu waqaf. Il-hsara fil-vettura ta’ Micallef kienet fuq ix-xellug minn quddiem ghal wara u l-konvenut kellu hsara fuq il-lemin, fuq il-*bumper* ta’ quddiem tal-lemin. Ighid li wara l-habta Micallef baqghet sejra u ghalqet it-triq u jikkonferma li kienet gejja b’velocita’ qawwija. Il-konvenut ighid li waqaf mal-ewwel mal-habta u t-trakk baqa’ fejn kien sakemm gie s-Surgent. Jikkonferma dak li qal fir-Road Accident Report.

Illi huwa maghruf li:

“F’kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b’tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu. (Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996)”.

Il-verzjoni ta’ Elena Natalizia Micallef hija in parti kontradetta mis-Surgent u kontradetta ukoll mill-konvenut. M’hemmx skizz esebit. Elena Natalizia Micallef saqet wara l-habta u ghalhekk kien iktar difficli biex jigi stabbilit it-tort f’dan l-incident.

F’din il-kawza s-socjeta’ attrici ma gabitx bizzejjed evidenza biex turi li l-konvenut kien b’xi mod negligenti.

Ghaldaqstant jichad it-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------